MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 551/2005/1

**Sylvana Xuereb, mizzewga Spiteri, u**
**Foresight Holdings Limited (C16755)**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-8 ta’ Gunju 2005 li tghid hekk:
“Peress illi fis-26 ta’ Mejju 2005, l-attrici giet notifikata b’ittra ufficjali u bl-avviz ta’ talba ghal hlas permezz ta’ liema giet mitluba thallas is-somma ta’ tnejn u tletin elf,

mitejn u hamsa u erbghin Lira Maltija (Lm32,245) rapprezentanti Taxxa ta’ l-FSS u taxxa Addizzjonali kif ukoll kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali u kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali addizzjonali u dan kif jirrizulta mill-istess dokument A;

“U billi l-attrici Sylvana Xuereb ma tistax tkun responsabbli ghall-ammont dovut stante li rrizenjat mill-posizzjoni taghha ta’ Direttrici ta’ l-istess kumpannija Foresight Holdings Limited u perdipiu qatt ma kellha r-rapprezentanza legali tas-socjeta` attrici u qatt ma zammet flus tal-kumpannija attrici f’idejha.

“U billi ghalhekk in-notifika li s-socjeta` attrici Foresight Holdings Limited hija nulla fil-ligi;

“U billi l-ammont in kwistjoni m’huwiex dovut mill-atturi, fost l-ohrajn ghaliex il-kumpannija attrici, kienet waqfet topera fil-bidu ta’ 2002 u ma kienet timpjega lil hadd, u dan wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien gie debitament notifikat;

“U billi in oltre, u fi kwalunkwe kaz l-ammont dovut minn Foresight Holdings ghas-sena 2003 gia` jinsab kontestat fil-kawza fl-ismijiet: *Patrick Spiteri, personalment u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Foresight Holdings Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni’ (Citazzjoni Numru 559/2004 JRM).*

“U billi ghalhekk l-attrici qieghda tikkontesta l-ittra ufficjali u l-avviz ta’ talba ghal hlas premess u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

“Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi:

“1. Tiddikjara li n-notifika lil Foresight Holdings Limited hija nulla ghall-effetti kollha tal-ligi;

“2. Tiddikjara li l-kumpannija attrici m’ghandhiex taghti lill-kontrollur konvenut is-somma mitluba fl-avviz dokument A, rapprezentanti Taxxa ta' L-FSS u Taxxa

Addizzjonali kif ukoll kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali u kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali addizzjonali u dan minhabba r-ragunijiet premessi kif ukoll dawk ir-ragunijiet kollha li ser jirrizultaw waqt is-smigh ta’ din il-kawza.

“3. Thassar u tirrevoka l-effetti kollha ta’ l-ittra ufficjali premessa u ta’ l-avviz ta’ talba ta’ hlas anness maghha mertu ta’ din il-kawza;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:
“Illi fl-ewwel lok l-attrici Sylvana Xuereb trid iggib prova konvincenti, u cioe` il-formola necessarja pprezentata fir-Registru tal-Kumpaniji, li tindika li hija spiccat minn Direttrici ta’ Foresight Holdings Limited qabel is-sena 1999.

“Illi notre l-attrici trid turi li hija verament innotifikat lill-Kummissarju b’dan it-tibdil fid-diretturi, kif kienet fid-dmir li taghmel, ghax altrimenti skond ir-*records* tad-Dipartiment tibqa’ tidher hi bhala d-direttrici u bhala responsabbli mill-hlas tat-taxxa.

“Illi l-allegat fatt li l-attrici Xuereb ma kellhiex ir-rapprezentanza legali tas-socjeta` attrici huwa irrelevanti ghall-finijiet ta’ din il-kawza, stante li bhala wahda mid-diretturi hija kienet responsabbli ghall-hlas ta’ kull taxxa li setghet tigi dovuta mill-kumpannija u ghalhekk setghet tigi mharrka mill-eccipjent sabiex tigi rkurprata tali taxxa. Certament li ghall-finijiet tal-ligi tat-taxxa, kull direttur ta’ kumpannija ghandu tali responsabbilta` u ghalhekk jista’ jigi mharrek kemm personalment kif ukoll ghan-nom tal-kumpannija li taghha huwa direttur u rapprezentant ghall-finijiet ta’ gbir ta’ taxxa.

“Inoltre, lanqas ma hu rilevanti jekk l-attrici kienetx fizikament izzomm flus tal-kumpannija fil-pussess taghha billi, bhala direttur, hija kellha kull setgha u kull obbligu li

tiddisponi mill-assi tal-kumpannija ghall-hlas tat-taxxa, ikunu fejn ikunu tali assi.

“Illi fit-tieni lok is-socjeta` attrici trid ukoll iggib provi konvincenti li hija kienet waqfet topera fiz-zmien indikat, u li kienet infurmat b’dan lill-eccipjent.

“Illi l-kawza citata mill-atturi u li allegatament saret kontra l-eccipent qatt ma giet notifikata lilu, u hu m’ghandu ebda hjiel tal-kontenut taghha.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Gunju, 2006, li in forza taghha cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“F’dina l-kawza l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li n-notifika ta’ l-ittra ufficjali mibghuta mill-konvenut lil Foresight Holdings Limited hija nulla ghall-effetti kollha tal-ligi u ghalhekk il-kumpannija attrici m’ghandhiex taghti lill-kontrollur konvenut is-somma hemm mitluba.

“Illi l-attrici Sylvana Xuereb, mizzewga Spiteri, qed tikkontendi li m’ghandhiex thallas il-flus mitluba fl-ittra ufficjali billi hija kienet irrizenjat mill-posizzjoni taghha ta’ Direttrici tal-kumpannija Foresight Holdings Limited. Dwar dina s-sottomissjoni xehdet Astrid Farrugia, (ara fol 191) u kkonfermat li l-attrici kienet irrizenjat minn Direttur fit- 8 ta’ Marzu 2004 kif jirrizulta mid-dokument a fol 35 tal-process. Mid-dokumenti ezibiti jirrizulta li t-talbiet tal-konvenut fl-ittra ufficjali jirreferu ghall perjodu qabel id-data ta’ meta l-attrici rrizenjat u ghalhekk l-attrici hija responsabbili. Ma jirrizultax li l-attrici nnotifikat lill-Kummissarju bit-tibdil li sar fid-diretturi qabel dik id-data jew f’dik id-data.

“L-attrici qed tirritjeni li hija qatt ma kellha r-rapprezentanza legali tas-socjeta` attrici. Il-Qorti pero` tirrileva li l-attrici bhala wahda mid-diretturi kienet responsabbli, anke personalment jekk ikun il-kaz, u dan

skond il-ligi, ghall-hlas ta’ kull taxxa li setghet tigi dovuta mill-kumpannija.

“Kwantu ghas-sottomissjoni ta’ l-attrici li hija qatt ma zammet flus tal-kumpannija attrici f’idejha, dan il-fatt, cjoe li ma kienetx fizikament izzomm flus tal-kumpannija fil-pussess taghha, huwa rrilevanti billi, bhala direttur, hija kienet responsabbili ghall-hlas tat-taxxa tal-kumpannija, ikunu fejn ikunu l-flus.

“Il-kumpannija attrici u l-attrici qed jissottomettu inoltre li l-kumpannija waqfet li topera fil-bidu ta’ 2002 u ma kienet timpjega lil hadd, u b’dan il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien gie debitament notifikat. Illi pero` l-Qorti tirrileva li minn imkien mill-provi prodotti ma jirrizultax li fil-fatt l-Kummissarju gie hekk notifikat b’dik is-sitwazzjoni (ara xhieda ta’ Ludgardo Mercieca).

“L-istess jista’ jinghad dwar is-sottomissjoni li l-ammont dovut minn Foresight Holdings ghas-sena 2003 jinsab kontestat fil-kawza *(Citazzjoni Numru 559/2004 JRM).* Il-konvenut qed jikkontendi illi l-kawza citata mill-atturi u li allegatament saret kontra tieghu qatt ma giet notifikata lilu, u hu m’ghandu ebda hjiel tal-kontenut taghha. Dwar dan l-atturi ma gabu ebda prova li tikkontradici dak li xehed il-konvenut. Anke kieku, il-fatt li wahda mis-snin qed tigi kontestata ma jfissirx li l-ittra ufficjali hija nulla jew li l-atturi m’ghandhom jaghtu xejn ghas-snin l-ohra li mhux kontestati.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tiddeciedi r-rikors billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

F'din il-kawza l-atturi qed jittentaw ihassru l-effetti ezekuttivi rizultanti mill-hrug tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2005, li in forza taghha gew interpellati jhallsu s-somma komplessiva ta' Lm32,245. Huma qed jikkontestaw dan fuq zewg binari: (i) li l-kont jinkludi ammont ta' tnaqqis li kellu jsir mill-pagi u s-salarji tal-impjegati tal-kumpannija Foresight Holdings Limited matul is-snin bazi 1999 sa l-2004, u dan meta l-kumpannija kienet waqfet topera u ma kellhiex haddiema fl-2004; u (ii) li l-kont inhareg fuq Sylvana Xuereb f'isimha personali u "bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Foresight Holdings Limited" u dan meta b'effett minn Gunju tal-2004 hi kienet irrezinjat minn dik il-kariga, u ma kellhiex aktar ir-rapprezentanza tal-kumpannija.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici wara li skartat il-lanjanzi taghhom. L-atturi ressqu dan l-appell u qed isostnu l-aggravji taghhom kontra l-ezegwibilita` tal-imsemmija ittra ufficjali.

Trattat l-ewwel it-tieni aggravju, gie ippruvat li fit-8 ta' Marzu, 2004, l-attrici Sylvana Xuereb mizzewga Spiteri irrizenjat minn direttrici tal-kumpannija in kwistjoni u anke bhala rapprezentant legali u gudizzjarja tal-istess. Il-Form K relattiva ittiehdet fir-Registru tal-Kumpanniji fit-18 ta' Gunju, 2004, u jidher li giet imdahhla fil-*file* relattiv tal-kumpannija (registrazzjoni numru C16755) fl-24 ta' Gunju, 2004. Dan ifisser li, minn dakinhar, il-pubbliku kellu gharfien ta' din il-bidla, u hu mistenni li jagixxi fit-termini ta' dak li jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija.

Fid-dawl u bis-sahha tal-"*principle of constructive notice*" (ara Farrar & Hannigan, Farrar's Company Law", 4 ediz. pagg.86-87), terza persuna li tidhol f'relazzjoni guridika

ma' kumpannija kummercjali hija meqjusa li taf x'jghidu d-dokumenti pubblici ta' dik il-kumpannija. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Allcare Insurance Agency Ltd. v. Randon", deciza fis-6 ta' Lulju, 2007,
"*Ma hemmx dubbju wkoll li kwantu ghall-kwistjoni tar-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` attrici u tal-pozizzjoni li kien jokkupa George Said meta dan halef id-dikjarazzjoni guramentata u meta pprezentat c-citazzjoni, il-pozizzjoni kienet, jew setghet facilment tkun, maghrufa mill-konvenut appellant peress li dawn kienu affarijiet li johorgu car minn dokumenti – il-Memorandum and Articles of Association – li kienu ghalih accessibbli. Jekk l-appellant naqas milli jaghmel il-verifiki tieghu qabel ma pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, imputet sibi. Certament, ghalhekk, ma jistax jinghad li wara d-depozizzjonijiet ta' l-udjenza tal-11 ta' April 2006, huwa "skopra" xi haga dwar ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` attrici u dwar il-kariga ta' George Said li ma setax ikun jaf biha gia` f'Awwissu 1998 jew qabel ma pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet fit-12 ta' Novembru 1998.*" (sottolinear ta' din il-Qorti ghall-fini ta' din il-kawza).

Il-principju jghodd ukoll ghall-konvenut f'din il-kawza. Hu veru li l-attrici ma informatx lill-konvenut bir-rizenja taghha, pero`, bhala fatt din ir-rizenja kienet accessibbli ghall-konvenut sa minn Gunju tal-2004, ferm qabel ma ipprezenta l-ittra ufficjali in kwistjoni. Ghalhekk, Sylvana Xuereb ma kellhiex tigi indikata "bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Foresight Holdings Limited".

Dan, ovvjament, ma jfissirx li l-istess Sylvana Xuereb ma hiex responsabbli, anke personalment, bhala li kienet wahda mid-diretturi tal-kumpannija imsemmija, ghall-hlas tat-taxxa jew kontribuzzjonijiet tas-servizzi socjali li tista' tkun dovuta mill-kumpannija; ir-responsabbilta` legali tal-persuni li kienu jokkupaw il-pozizzjoni ta' diretturi ghall-obbligi fiskali mixhuta fuq kumpannija tohrog mil-ligi. Li qed jinghad biss hu li l-kumpannija Foresight Holdings Limted giet interpellata hazin f'isem l-attrici Sylvana Xuereb u dan ghandu jnaqqas l-effetti tal-ittra ufficjali, aktar u aktar meta tqis li l-kumpannija giet notifikata bl-ittra

ufficjali mhux fl-ufficcju registrat taghha, izda f'idejn Sylvana Xuereb fir-residenza taghha – persuna u lok li, fil-mument tal-prezentata tal-ittra ufficjali, ma kellhomx x'jaqsmu aktar mal-kumpannija.

Oltre dan, jirrizulta wkoll (u dan hu l-meritu tal-ewwel ilment tal-atturi) li fl-2004 il-kumpannija Foresight Holdings Limited ma kellhiex impjegati. Dan hu fatt li l-konvenut ma setghax ikun jaf bih la darba l-atturi naqsu li jinfurmawh b'dan. Nonostante dan, avolja, fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-konvenut gie infurmat bis-sitwazzjoni u, b'verbal waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2006, iddikjara li "jaqbel" ma' dan u li "mhux qed jinsisti ghat-talba tieghu f'dan ir-rigward", baqa' jzomm ferm il-posizzjoni tieghu kif registrata fl-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2005, u ma indikax b'kemm ghandha tonqos is-somma hemm pretiza. Il-Qorti ma tistax taqbad u tnaqqas sest mis-somma mitluba (peress li l-hlas intalab ghal 6 snin bazi), peress li l-kontribuzzjonijiet dovuti mhux necessarjament ikunu l-istess kull sena.

F'kull kaz, hi pretensjoni tal-konvenut li l-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2005, hija titolu ezekuttiv ghall-ammont <u>kollu</u> indikat, u din il-pretensjoni hi zbaljata, kif anke jammetti r-rapprezentant tal-konvenut; kwindi l-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2005, ma tista', <u>kif inhi</u>, tinghata sahha ta' titolu ezekuttiv.

It-talbiet attrici ghandhom ghalhekk, jigu milqugha, b'dan li, fil-kuntest tat-tieni talba, jigi carat li fil-waqt li hu minnu li l-kumpannija attrici m'ghandhiex taghti lill-konvenut "is-somma <u>mitluba fl-avviz</u>", dan ma jfissirx li l-kumpannija u l-attrici huma mehlusa mir-responsabbilita` ghall-hlas ta' kull taxxa u/jew kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali; din il-kwistjoni tibqa' impregudikata. Li qed jinghad fil-kuntest tat-talbiet attrici hu biss li, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2005, <u>ma tistax isservi bhala bazi ta' atti ezekuttivi</u>, kif intima li kien se jaghmel il-konvenut fl-istess ittra ufficjali – salvi u impregudikati effetti ohra li jista' jkollha dik l-ittra ufficjali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attrici billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Gunju, 2006, u, fis-sens fuq spjegat, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi tal-kaz, jithallsu kollha, inkluz dawk tal-prim istanza, bin-nofs bejn l-atturi solidament bejniethom u l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------